# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## DECIZJONI NRU. 77

KAZ NRU. 97

Fil-kwistjoni tax-xoghol
bejn
JoAnn Cassar
u
Messrs Foster Clark Products Ltd.
dwar tkeccija mill-impieg
allegata li hi ngusta.

Data : 3 ta' Dicembru 1980

Chairman : Mr G.A. Craig

B'ittra tal-25 ta' Mejju, 1980, il-Ministru tax-Xoghol, Ghajnuna Socjali u Kultura, irriferiet lil dan it-Tribunal, taht id-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 28 (2) ta' l-Att Nru. XXX ta' l-1976, il-kwistjoni tax-xoghol bejn il-partijiet fuq imsemmija. Dan il-kaz huwa dwar tkeccija ta' JoAnn Cassar mill-Kumpanija Foster Clark Products Ltd., tkeccija li l-appellant tallega li kienet ingusta.

2. It-Tribunal zamm seduta wahda li fiha l-appellant kienet assistita mis-Sur Albert J. Tabone, fil-waqt li l-Kumpanija kienet rapprezentata mis-Sur C. Micallef, Manager ta' l-istess kumpanija.

3. Statement of Case - Ghall-appellant gie sottomess li hi bdiet tahdem ma Foster Clark Products Ltd. fis-6 ta' Awissu 1979 bhala Laboratory Analyst. Fil-31 ta' Dicembru, 1979, sofriet accident li mhabba fih ma setghetx tidhol ghax-xoghol. Ghamlet xi granet l-isptar, wara kellha toqghod fis-sodda, kellha tara tobba specjalisti sahansitra barra minn Malta.

2/.....

Fit-23 ta' Jannar 1980 marret ghand Foster Clark. Kelmet mad-Direttur is-Sur Frank Busuttil, u qaltlu li xtaqet terga' tibda x-xoghol izda jekk jista' jkun fuq 'light duty' ghax ghajnejha x-xellugija kienet ghadha mghottija. Id-Direttur qallha li ahjar ma tibdiex tahdem ghalissa u tistenna sakemm tfieq. L-appellant ghamlet hekk kif qalla d-Direttur.

4. Fil-11 t'April, 1980 l-appellant marret ghand Foster Clark Ltd. Kelmet il-Manager, is-Sur C. Micallef u infurmatu li wara li kienet ghamlet operazzjoni kienet hafna ahjar u kienet lesta biex terga' tibda tahdem wara xi ftit granet ohra ghax hekk ordnala t-tabib. Dan wara li hu kien staqsiha meta ser tibda terga' tahdem. Il-Manager kien infurmaha wkoll li ser tidhol analista ohra maghhom izda din ma kienetx sejra taghmel ix-xoghol taghha. Qalilha wkoll li kienet dahlet tfajla ohra maghhom li kienet ser tghinha fix-xoghol taghha.

5. Fit-18 ta' April, 1980 l-appellant cemplet lil Foster Clark, kelmet is-Sur C. Micallef u nfurmatu li fil-21 t' April, ser tibda tahdem ghax it-tabib sabha tajba ghax-xoghol. Il-Manager, is-Sur C. Micallef wegibha li s-Sur Frank Busuttil kien imsiefer, u billi kellha tkellem lilu kien ahjar li terga' ccempel gimgha wara. Ghalhekk cempel missierha, kellem lis-Sur A.J. Busuttil u dan wiegbu li s-Sur Frank Busuttil kien ma jiflahx. Ghalhekk l-appellant flimkien ma' missierha marru d-dar tas-Sur F. Busuttil. Qalulu b'dak li kien gara, tawh il-karta tat-tabib fejn iccertifika li l-appellant setghet tibda tahdem u dan informahom biex l-appellant tmur il-fabbrika t-Tnejn, 21 t'April.

6. Fil-21 t'April 1980 meta l-appellant, flimkien ma ommha marru l-fabbrika, is-Sur F. Busuttil ma kellimhix izda bghat risposta mar-receptionist biex imorru d-dar

jistennew ittra. Din l-ittra waslet fit-23 t'April 1980 li fiha kien hemm miktub li l-appellant ma ghadiex impjegata mal-Kumpanija u r-raguni mghotija fid-'discharge certificate' kienet "still incompleted probationary period".

7. Gie sottomess li l-"probationary period" kien ta' sitt xhur u ghalhekk mis-6 t'Awissu 1979 sal-21 t'April 1980, il-'probationary period' kien ghadda, L-appellant qatt ma kellha xi 'charge' jew 'warning' u meta kienet marret il-Fabbrika fil-11 t'April 1980 il-Manager staqsiha meta setghet terga' tibda x-xoghol. Kien ghal dawn ir-ragunijiet li t-Tribunal kien mitlub jiddikjara li t-tkeccija ta' l-appellant kienet ingusta u li l-appellant tinghata kumpens xieraq.

8. Ghall-Kumpanija Foster Clark Products Limited is-Sur Carmel Micallef, N.D.A., C.D.A. issottometta li l-appellant giet impjegata mal-Kumpanija fis-6 t'Awissu 1979 bhala Laboratory Analyst u Quality Controller fuq perijodu ta' prova ta' sitt xhur. Mit-2 ta' Jannar 1980 ma rrapurtatx aktar ghax-xoghol sa l-20 t'April 1980 - perijodu ta' aktar minn tlett xhur u nofs.

9. Fil-11 ta' Jannar 1980 il-Kumpanija irceviet certifikat mediku datat 7 ta' Jannar 1980 fejn qal li l-appellant sofriet 'severe injury in her left eye and is unlikely to be fit for work during the next fifteen days'. Il-Kumpanija waqqfet is-salarju ta' l-appellant immedjatament mill-1 ta' Jannar 1980. B'certifikat mediku iehor datat 19 t'April 1980, l-appellant giet dikjarata 'fit to resume duties' u dlonk il-Product Development Manager innotifika lill-appellant illi ma kellhomx bzonnha aktar. Is-Sur C. Micallef issottometta li billi l-kariga tal-appellant kienet teknika u amministrattiva b'salarju 'l fuq minn £1000 fis-sena gie miftiehem li l-'probationary period' kellu jkun ta' sitt xhur. Ssottometta wkoll li dan il-perijodu kellu jkun ta' prova kontinwa u attwali u zied jghid li l-Kumpanija

setghet tesigi sena shiha ta' prova u dan kien ukoll permess mill-ligi izda l-Kumpanija kienet kuntenta b'"six month probationary period" kemm-il darba dawn is-sitt xhur ikunu ta' prova kontinwa u attwali. Sostna li l-iskop ta' zmien ta' prova kien li jaghti opportunita' lill-employer li jipprova l-impjegat tieghu fuq il-post tax-xoghol waqt il-hidma attiva tieghu u kkwota definizzjoni tal-kelma 'probation' mill-'Websters Dictionary' li tghid "the condition of being subjected to a test or trial". U billi evidentement waqt it-tlett xhur u nofs li l-appellant damet il-boghod mix-xoghol il-Kumpanija ma kienetx f'posizzjoni li tosserva x-xoghol u l-karattru ta' l-appellant u ghalhekk il-'probationary period' kien gie interrott malli spiccat il-hidma ta' l-appellant fil-Kumpanija u kien ghalhekk li l-hlas tal-paga kienet waqfet immedjatament. Meta l-appellant irritornat ghax-xoghol biex tkompli l-prova taghha, d-decizjoni ttiehdet li din il-prova taghha ma titkomplix, u kien ghalhekk li t-terminazzjoni tal-prova ta' l-appellant grat meta l-appellant ma kienetx ghadha lahqet ghamlet sitt xhur prova attwali. Konsegwentement it-terminazzjoni grat waqt il-'probationary period' li kien miftiehem u ghaldaqstant ma kienetx ingusta.

10. Dokumenti esibiti

Kopja ta' Discharge Certificate' datat Hmistax ta' Frar, 1980. Dok.4.

Kopja ta' ittra datata 21 ta' April, 1980 minn ghand il-Product Development Manager tal-Kumpanija Foster Clark Products Ltd. lil Miss JoAnn Cassar. Dok.3.

Kopja ta' formolata' applikazzjoni ghall-impieg mal-Kumpanija Foster Clark Products Ltd. Dok.2A.
Certifikat Mediku datat 7 ta' Jannar 1980. Dok.2B.
Certifikat Mediku datat 19 t'April 1980. Dok. 2C.
Dikjarazzjoni lid-Dipartiment tas-Servizzi Socjali datata 16 ta' Mejju 1980. Dok. 2D.

11. Sottomissjonijiet finali. It-Tribunal kellu jisma' l-veduti taz-zewg partijiet fuq l-interpretazzjoni ta' xi tfisser 'probation' fil-kontest ta' l-Att Nru. XI ta' l-1952 u partikolarment ta' l-Artikolu Nru. 25 Is-Sur Albert J. Tabone, ghall-appellant qal li z-zewg partijiet qablu li l-probation kien wiehed ta' sitt xhur. Hu sostna li l-punt kardinali kien jekk il-perijodu ta' sitt xhur kellux jigi estiz bi kwalunkwe gurnata li wiehed jonqos mix-xoghol specjalment ghal ragunijiet validi. Is-Sur Tabone sostna li le u jekk iva fil-kaz il-Kumpanija setghet estendit il-'probationary period' u mhux tkeccija, specjalment fil-kaz in kwistjoni ta' mpjegat li gralu disgrazzja, biex jekk riedet il-Kumpanija tipprova lill-impjegata tkompli tippruvaha. Fuq kollox l-ghala staqsa s-Sur Tabone ma tterminawliex l-impieg qabel ma ghalqu s-sitt xhur imma hadd ma qallha xejn minkejja li kienu marru l-genituri taghha jkellmu lill-Manager u lid-Diretturi, u hallew bniedma bil-hsieb li ser terga' tidhol ghax-xoghol dak iz-zmien kollu.

12. Ghall-Kumpanija s-Sur C. Micallef qal ukoll li kien hemm qbil li l-'probationary period' kien ta' sitt xhur. Issottometta li l-Kumpanija rnexxielha tidhol bil-prodotti taghha fis-swieq barranin mhabba l-kwalita' tajba tal-prodotti taghha u ghalhekk riedu jizguraw li l-impjegati riedu jkunu ta' grad tajjeb ghax-xoghol li ghalih jigu mpjegati u kien ghalhekk li l-'probation' kienu jaghtuha iktar importanza biex ma jiddispjacihomx wara u kien ghalhekk li nsistew ghal sitt xhur shah u ghalhekk jekk wiehed ikun ghamel biss hames xhur shah ghalihom ma kienx ikun zmien bizzejjed li jiddeciedu ikunx tajjeb biex izommuh biex zgur ma jiddispjacihomx wara.

13. F'dan il-kaz, zied jghid is-Sur Micallef, kienu jafu li l-assenza mix-xoghol ma kienetx tort ta' l-appellant



Lal.

izda hadd ma seta' jghid li waqt l-assenza setghu jaraw il-karattru., kapacita' u rizultati fix-xoghol, risponsabbilta' u efficjenza generali. It-test mela ma sarx shih u kien ghalhekk li l-'probation' ta' sitt xhur riedu li kellha tkun attwali fuq ix-xoghol u ghalhekk ma setghux jghoddu din l-assenza twila bhala bicca mill-'probationary period'. Din l-assenza ma kienetx ta' siegha u ghalhekk il-Kumpanija kellha kull dritt li tara lil min ser timpjega ghal zmien indefinit ghalhekk il-Kumpanija ssostni li meta gie terminat l-impieg l-appellant kienet ghadha ma ghamletx is-sitt xhur u ghalhekk kienet ghadha fuq 'probation'.

14. Is-Sur Micallef qal ukoll li t-terminazzjoni ta' l-impieg ma gietx attwata qabel ma spicca s-sitt xhur kalendarji ghal ragunijiet ta' nghodrija, imhabba li kienet ghadha ma fiqietx wara l-incident ta' l-ahhar tas-sena.

15. <u>Konsiderazzjonijiet tat-Tribunal</u>.

It-Tribunal kellu jiddeciedi haga wahda biss - jekk dan it-temm ta' mpieg sarx waqt iz-zmien ta' prova (probationary period) u ghaldaqstant ma jaqax fil-kompetenza tieghu skond l-artikolu 25 (1) ta' l-Att Nru. XI ta' l-1952 li jirregola l-Kondizzjonijiet ta' l-Impieg, jew le. Skond dan l-artikolu, il-perijodu ta' prova ta' l-ewwel tlett xhur seta' jigi estiz anki sa sena mhabba n-natura ta' xoghol ta' l-appellant li s-salarju taghha kien izjed minn elf lira fis-sena.

16. Iz-zewg partijiet qablu li l-perijodu ta' prova kien sitt xhur, u ghalhekk l-appellant, li dahlet mal-kumpanija fis-6 t'Awissu 1979, kellha tispicca, skond il-ligi fil-5 ta' Frar, 1980 u waqt dan iz-zmien kemm l-impjegat kif ukoll min jimpjega seta' minghajr ma jaghti raguni, jitlaq mill-post jew jissensja lill-impjegat. Din it-terminazzjoni ta' l-impieg ta' l-appellant ma saritx waqt iz-zmien stipulat fil-ligi izda il-kumpanija hasset li kellha raguni

valida ghaliex hasset li s-sitt xhur ta' prova kellhom ikunu sitt xhur shah fuq ix-xoghol ghaliex dan kien l-iskop tal-ligi, biex min ser jimpjega ikollu z-zmien mehtieg biex jiggudika jekk ghandux jimpjega jew ma ghandux wara li jkun sodisfatt mill-kapacita' ta' l-impjegat jew le. Dan il-punt il-Kumpanija sostnietu bil-qawwa kollha u hemm sens f'din it-tezi izda l-ligi, li normalment, dak li trid tghid (ubi lex voluit dixit) fuq dan il-punt hija siekta. Il-prassi sa fejn jaf it-Tribunal hi li x-xhur li tistabilixxi l-ligi huma xhur kalendarji minghajr kondizzjonijiet. Is-Sur C. Micallef, qal tajjeb hafna li d-definizzjoni ta' probation, skond Webster's Dictionary kienet "the condition of being subjected to a test or trial," u hawn it-Tribunal ikollu ta' bilfors josserva li l-Kumpanija, li fil-fehma taghha is-sitt xhur ta' prova kellu jkun ta' sitt xhur fuq ix-xoghol halli l-impjegat jaghmel il-'prova' shiha, setghet kieku riedet, testendi z-zmien ta' prova lill-appellant. Hija haga li ssir anki fl-impieg mall-gvern li z-zmien ta' prova (probationary period) stabbilit normalment, jigi estiz f'certi cirkostanzi. Dan ma ghamlitux. Il-Kumpanija setghet ukoll skond il-ligi tittermina l-impieg ta' l-appellant anki gurnata wahda biss qabel il-5 ta' Frar 1980. Ingas dan ma ghamlet izda b'certi dawmien, li ma kien necessarju xejn, tat lill-appellant x'tifhem li l-post kien ghadu miftuh ghaliha u li mmedjatament li tfieq setghet tibda x-xoghol.

17. Award. It-Tribunal wara li sema' l-partijiet, ha konjizzjoni tas-sottomissjonijiet, u ha in konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kaz, isib li t-tkeccija ta' l-appellant kienet ingusta izda ma jhoss li hemm cirkostanzi specjali, li jkun prattikabbli, skond l-Artikolu 33 (1) (b) ta' l-Att Nru. XXX ta' l-1976, li min ghamel dan l-ilment jerga' jidhol fl-impieg li kellha ma' Foster Clark Products

8/.....

Ltd. Ghaldaqstant, taht l-artikolu 33 (2) ta' l-istess Att, it-Tribunal jordna l-ghoti minn Foster Clark Products Ltd. lis-Sinjorina Joann Cassar, bhala kumpens finali, is-somma ta' £150 (mija u hamsin lira), kif ukoll it-tibdil tat-temm ta' l-impieg li ghandu juri li t-temm ta' l-impieg ma kellux isir u jinghata certifikat nadif. Il-kumpens fuq imsemmi ghandu jsir mhux aktar tard mill-15 ta' Dicembru, 1980.

G.A. Craig
Chairman

A. Bartolo Parnis
Segretarju

3 ta' Dicembru 1980.

em